MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Numru. 1255/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**Vs**

**CARMELO BUGEJA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CARMELO BUGEJA** ta' sebgha w erbghin (47) sena, bin Vincent u Lorenza nee' Mizzi, imwieled Pieta' nahr l-20 ta' Novembru, 1964, detentur tal-karta tal-identita' numru 54564M, u residenti gewwa 62, Felice Street, Zabbar, tressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-13 ta' Novembru, 2011 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19.00hrs) gewwa l-ghassa ta' Marsaskala, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-

persuni ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-serizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq PS 1181 Eugene Caruana ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubbklika, li huma persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebb minghajr ma darab ghall-persuna ta’ martu Audrey Mangion;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b’tali mod li kkaguna bizgha lil Audrey Mangion li ser tintuza vjolenza meta kien jaf jew messu kien jaf li b’tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor bizgha;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta’ qabel hedded lil martu bi kliem, gesti jew affarijiet ohra;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxen fil-pubbliku billi offenda lil PS 1181 Eugene Caruana, PC 847 Jurgen Zerafa, PC 1607 George Vella u lil martu Audrey Mangion;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b’ghajjat, storbju w glied;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tal-imputat, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli

383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Inoltre l-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija tal-imputat ma' kull piena li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' Kunsens tal-Avukat Generali, okkorrenza, estratt mill-att tat-twelid u Fedina Penali tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-erbatax ta' Novembru 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erbatax ta' Novembru, 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti, rigward il-piena, semghet lill-Ufficjal Prosekutur jissuggerixxi li din il-Qorti ghandha taghti sentenza sospiza fil-konfront tal-imputat, in vista tal-Fedina Penali relattivament nadifa, il-ko-operazzjoni totali tal-imputat tul l-investigazzjoni kollha kif jirrizulta minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata minnu il-bierah tlettax (13) ta' Novembru, 2011.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 95, 96, 251 B, 338 (dd), 338 (ee), 339 (1) (d), 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ssib lill-imputat CARMELO BUGEJA hati w tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, bl-applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tordna li ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Audrey Mangion ghall-perjodu ta' tliet (3) snin, u dan billi qed tipprojbih milli javvicina lill-istess Audrey Mangion ghall-ebda cirkostanza jew milli jaghmel kuntatt maghha. Il-Qorti spjegat lill-imputat li jekk minghajr raguni valida huwa jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu jista', jekk jinstab hati, jehel multa ta' elfejn, tliet mija w disgha w ghoxrin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn li huma.**

**Il-Qorti qeghda wkoll, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tobbliga lill-imputat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Audrey Mangion, PS 1181 Eugene Caruana, PC 847 Jurgen Zerafa u PC 1607 George Vella ghall-perjodu ta' sena millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) fin-nuqqas.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------